MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 28 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 22 ta' Novembru 2011 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Skuzat |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Fredrick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Skuzat |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

Din il-laqgha giet imsejha b'mod urgenti minhabba l-isvillup fuq il-Konferenza li kellha tigi organizzata mid-DLG u li ghaliha konna stedinna u ser jigu zewg delegazzjonijiet minn Cellere u Zaragoza

Il-Vici Sindku JD u l-kunsilliera CS kienu indisposti u ghalhekk gew skuzati milli jattendu din il-laqgha

28.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 26 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

28.2 Arrising Out ma kienx hemm

28.3 Korrispondenza batch 43

28.3.1 Kien hemm talba mil-Valletta Grand Prix sabiex jergghu jorganizzaw il-Grand Prix fl-Imdina fis-sena 2012. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nilqghu t-talba bl-istess kundizzjonijiet ta din is-sena , izda ninsistu li ma jkunx hemm baned waqt il-Concourse d'Elegance.

28.3.2 Kien hemm talba minghand zewg imprendituri sabiex jifthu stabiliment kummercjali fl-Imdina. Huma xtaqu li l-Kunsill jesprimi ruhhu fuq l-applikazzjoni taghhom u nesprimu in-No Objection ghal dan il-progett. Il-Kunsill qabel li jesprimi in-No Objecton tieghu.

. 28.3.3 Kelna talba sabiex issir it-tluq tal-Maratona ta' Malta min Pjazza Mario Galea Testaferrata. Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li t-triq ma tigiex maghluqa.

28.3.4 Ittra minghand l-Art Club 2000 sabiex itelghu wirja tal-Pittura fils-sala tal-Kunsill f'Lulju 2012. Il-kunsill qabel u ghanda tintalab Euro100 bhala administration fee.

.

28.4 Delegazzjoni minn Cellere u Zaragoza

28.4.1 PS informa lil Kunsill li nhar il-Gimgha 18 ta' Novembru huwa kien ircieva nota minghand id-direttur tad-DLG li nfurmana li l-

Konferenza " Building together Sustainable Localities" giet imhassra. Dan wara li kienu lahqu saru l-arrangamenti kollha ghaz-zewg delegazzjonijiet minn Cellere u Zaragoza.

28.4.2 Il-Kunsill qabel li kien tard wisq sabiex tigi mhassra iz-zjara ta' dawn id-delegazzjonijiet u ghalhekk iddecieda li jkompli bil-programm.

28.4.3 PS qara il-program taz-zewg delegazzjonijiet u gie approvat

28.4.4 Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob kumpens tal-ispejjes zejda li l-Kunsill kien ser jkollu ihallas minhabba li l-Konferenza giet imhassra minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

. 28.5 Affarijiet ohra

28.5.1 Il-Kunsill kien ircieva Invit minghand il-Professur Paul Sant Cassia u in-Nobli Sinjurina Christina Apap Bologna ghat-tieg taghhom. Il-Kunsill qabel li jinghata rigal ta' madwar Euro500.

.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |